

PARLAMENT EWROPEW

2004



2009

Dokument ta' Sessjoni

FINALI
A6-0282/2006

18.9.2006

*

RAPPORT

dwar il-proposta għal deċiżjoni tal-Kunsill li tinkariga lill-Aġenzija ta' l-Unjoni Ewropea għad-Drittijiet Fundamentali sabiex tmexxi l-attivitajiet tagħha fl-oqsma li jissemmew fit-Titolu VI tat-Trattat ta' l-Unjoni Ewropea

(COM(2005)0280 – C6-0289/2005 – 2005/0125(CNS))

Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern

Rapporteur: Magda Kósáné Kovács

Tifsira tas-simboli użati

- * Proċedura ta' konsultazzjoni
maġġoranza tal-voti mitfugħa
- **I Proċedura ta' koperazzjoni (l-ewwel qari)
maġġoranza tal-voti mitfugħa
- **II Proċedura ta' koperazzjoni (it-tieni qari)
maġġoranza tal-voti mitfugħa, sabiex tiġi approvata l-pożizzjoni komuni
maġġoranza tal-Membri kollha tal-Parlament, sabiex tiġi miċħuda jew emendata l-pożizzjoni komuni
- *** Proċedura ta' kunsens
maġġoranza tal-Membri kollha tal-Parlament, apparti fil-każi msemmija fl-Artikoli 105, 107, 161 u 300 tat-Trattat KE u fl-Artikolu 7 tat-Trattat UE
- ***I Proċedura ta' kodeċiżjoni (l-ewwel qari)
maġġoranza tal-voti mitfugħa
- ***II Proċedura ta' kodeċiżjoni (it-tieni qari)
maġġoranza tal-voti mitfugħa, sabiex tiġi approvata l-pożizzjoni komuni
maġġoranza tal-Membri kollha tal-Parlament, sabiex tiġi miċħuda jew emendata l-pożizzjoni komuni
- ***III Proċedura ta' kodeċiżjoni (it-tielet qari)
maġġoranza tal-voti mitfugħa, sabiex jiġi approvat it-test konġunt

(It-tip ta' proċedura jiddependi mill-bażi legali proposta mill-Kummissjoni.)

Emendi għal test leġiżlattiv

Fl-emendi li jsiru mill-Parlament, it-test emendat huwa indikat b' tipa ***qawwija korsiva***. Test *korsiv normali* huwa indikazzjoni għas-servizzi tekniċi li turi partijiet tat-test leġiżlattiv li għalihom qed tkun proposta korrezzjoni bl-iskop li tgħin fil-preparazzjoni tat-test finali (pereżempju, żbalji ovvjji jew nuqqasijiet f'verżjoni lingwistika minnhom). Il-korrezzjonijiet proposti huma suġġetti għall-qbil tas-servizzi tekniċi involuti.

WERREJ

Paġna

ABBOZZ TA' RIŻOLUZZJONI LEĠIŻLATTIVA TAL-PARLAMENT EWROPEW.....	5
NOTA SPJEGATTIVA	7
PROCĊEDURA	9

ABBOZZ TA' RIŻOLUZZJONI LEĠIŻLATTIVA TAL-PARLAMENT EWROPEW

dwar il-proposta għal deċiżjoni tal-Kunsill li tinkariga lill-Aġenzija ta' l-Unjoni Ewropea għad-Drittijiet Fundamentali sabiex tmexxi l-attivitajiet tagħha fl-oqsma li jissemmew fit-Titolu VI tat-Trattat ta' l-Unjoni Ewropea

(COM(2005)0280 – C6-0289/2005 – 2005/0125(CNS))

(Proċedura ta' konsultazzjoni)

Il-Parlament Ewropew,

- wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni (COM(2005)0280)¹,
 - wara li kkunsidra l-Artikolu 34(2)(c) tat-Trattat UE,
 - wara li kkunsidra l-Artikolu 39(1) tat-Trattat UE, li skond liema l-Kunsill ikkonsulta mal-Parlament (C6-0289/2005),
 - wara li kkunsidra l-Artikoli 93 u 51 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,
 - wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern (A6-0282/2006),
1. Japprova l-proposta tal-Kummissjoni kif emendata;
 2. Jistieden lill-Kummissjoni biex tbiddel il-proposta tagħha kif xieraq, skond l-Artikolu 250(2) tat-Trattat KE;
 3. Jistieden lill-Kunsill biex jinnotifika lill-Parlament jekk biħsiebu jitbiegħed mit-test approvat mill-Parlament;
 4. Jistieden lill-Kunsill biex jerġa' jikkonsulta mal-Parlament jekk biħsiebu jemenda l-proposta tal-Kummissjoni b'mod sostanzjali;
 5. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu sabiex jgħaddi l-pożizzjoni tal-Parlament lill-Kunsill u lill-Kummissjoni.

Test propost mill-Kummissjoni

Emendi tal-Parlament

Emenda 1
Premessa 2 a (ġdida)

(2a) Skond l-Artikolu 11 tat-Trattat KE, l-Unjoni għandha tiddefinixxi u

¹ Għadu mhux ippubblikat fil-ĠU.

tiimplimenta politika barranija u ta' sigurtà komuni li tkopri l-oqsma kollha tal-politika barranija u ta' sigurtà, bil-għan li jiġu żviluppati u kkonsolidati d-demokrazija u l-istat tad-dritt u r-rispett għad-drittijiet tal-bniedem u l-libertajiet fundamentali.

NOTA SPJEGATTIVA

Il-ħarsien u l-promozzjoni effettiva tad-drittijiet fundamentali huma l-bażi tad-demokrazija u l-kundizzjonijiet essenzjali għall-konsolidazzjoni mill-Unjoni Ewropea tal-qasam tal-libertà, s-sigurtà u l-ġustizzja.

Sabiex tingħata garanzija għall-prinċipji msemmija fl-Artikoli 6 u 7 tat-Trattat ta' l-Unjoni Ewropea u l-Karta tad-Drittijiet Fundamentali u sabiex titjeb is-sitwazzjoni attwali tad-drittijiet tal-bniedem, l-Unjoni Ewropea teħtieġ korp li huwa kapaċi jappoġġja l-attivitajiet ta' l-istituzzjonijiet u inter alia l-Ombudsman Ewropew, is-Superviżur Ewropew għall-Protezzjoni tad-Dejta, u l-Qorti tal-Ġustizzja tal-Komunità Ewropea.

L-Aġenzija għad-Drittijiet Fundamentali tista' tkun korp xieraq li jagħti ħarsa ġenerali regolari ta' l-infurzar tad-drittijiet tal-bniedem waqt l-implimentazzjoni tal-liġi u l-politiki Ewropej u korp li jipprovdi t-tagħrif kollu meħtieġ sabiex tiġi żviluppata l-attività leġislattiva ta' l-Unjoni.

Għalhekk l-Aġenzija jrid ikollha mandat b'saħħtu u pożizzjoni speċjali fost l-aġenziji ta' l-UE. Jekk l-Aġenzija jkollha l-indipendenza, ikollha l-kredibilità, bħala kundizzjoni minn qabel għal koperazzjoni bejn l-Aġenzija u l-istituzzjonijiet Ewropej u l-Istati Membri. Il-pożizzjoni ta' l-Aġenzija għandha tissaħħaħ permezz ta' ftehim ċar bejn il-Kunsill ta' l-Ewropa u l-Komunità Ewropea, kemm biex tiġi evitati r-repetizzjoni kif ukoll biex l-Aġenzija tingħata t-tagħrif kollu meħtieġ u biex tiġi żgurata l-effettività tagħha.

L-Aġenzija teħtieġ ukoll il-kompetenza mwessa' li tipprovdi d-deċiżjoni tal-Kunsill sabiex ikollha kamp ta' applikazzjoni ikbar fuq l-attivitajiet ta' l-Unjoni Ewropea. Madankollu, mhux biżżejjed li l-Aġenzija tiġi awtorizzata biex tkun attiva fl-oqsma tat-Titolu VI tat-Trattat ta' l-Unjoni Ewropea.

Esperjenzi riċenti li jikkonċernaw inter alia titjriet tas-CIA fl-Ewropa juru li l-Unjoni Ewropea teħtieġ appoġġ sħiħ biex tipproteġi u tippromwovi d-drittijiet fundamentali. Għalhekk huwa raġonevoli li t-tagħrif dwar id-drittijiet fundamentali jiġi pprovdut minn korp indipendenti, fuq il-bażi ta' liema l-istituzzjonijiet ta' l-UE jistgħu jsejso l-attivitajiet u jiżviluppaw il-politiki tagħhom.

Il-kamp ta' applikazzjoni ta' l-Aġenzija teħtieġ li tiġi konkluża bl-attivitajiet fil-qasam tat-Titolu V (Politika Barranija u ta' Sigurtà Komuni) tat-Trattat ta' l-Unjoni Ewropea sabiex tkun tista' tappoġġja il-politiki rilevanti kollha ta' l-UE.

Għandha tipprovdi l-bażi legali li tippermetti lill-Aġenzija biex tiġbor id-dejta dwar pajjiżi terzi meta tkun fir-riskju l-implimentazzjoni ta' politiki ta' l-UE.

L-inkariga ta' l-Aġenzija biex tmexxi attivitajiet fl-oqsma msemmija fit-Titoli V u VI tat-Trattat ta' l-Unjoni Ewropea għandhom jipprovdu aktar trasparenza f'dawn l-oqsma, li taf issaħħaħ l-operat demokratiku ta' l-istituzzjonijiet u taf issaħħaħ il-fiduċja taċ-ċittadini fl-Unjoni Ewropea.

It-trasparenza għandha tagħmel il-popli ta' l-Unjoni Ewropea konxji mid-drittijiet fundamentali li huma jgawdu u għandha ttejjeb il-kultura tad-drittijiet fundamentali fl-UE, li tista' mbagħad tiġi promossa b'suċċess lil hinn mill-fruntieri ta' l-Unjoni bħala waħda mill-valuri bażiċi tagħha.

PROCĊEDURA

Titolu	Proposta għal deċiżjoni tal-Kunsill li tinkariga lill-Aġenzija ta' l-Unjoni Ewropea għad-Drittijiet Fundamentali sabiex tmexxi l-attivitajiet tagħha fl-oqsma li jissemmew fit-Titolu VI tat-Trattat ta' l-Unjoni Ewropea			
Referenzi	COM(2005)0280 - C6-0289/2005 - 2005/0125(CNS)			
Data meta ġie kkonsultat il-PE	22.9.2005			
Kumitat responsabbli Data tat-tħabbir fis-seduta plenarja	LIBE 29.9.2005			
Kumitat(i) mitlub(a) jagħti/u opinjoni Data tat-tħabbir fis-seduta plenarja				
Opinjoni(jiet) mhux mogħtija Data tad-deċiżjoni				
Koperazzjoni aktar mill-qrib Data tat-tħabbir fis-seduta plenarja				
Rapporteur(s) Data tal-ħatra	Magda Kósáné Kovács 14.9.2005			
Rapporteur(s) preċedenti				
Proċedura simplifikata – data tad-deċiżjoni				
Bażi legali kkontestata Data ta' l-opinjoni tal-JURI				
Dotazzjoni finanzjarja emendata Data ta' l-opinjoni tal-BUDG				
Konsultazzjoni mill-PE mal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew – data tad-deċiżjoni fis-seduta plenarja				
Konsultazzjoni mill-PE mal-Kumitat tar-Reġjuni – data tad-deċiżjoni fis-seduta plenarja				
Eżami fil-kumitat	4.10.2005 4.5.2006	24.1.2006 1.6.2006	22.2.2006	23.3.2006
Data ta' l-adozzjoni	13.9.2006			
Riżultat tal-votazzjoni finali	+: 30 –: 6 0: 1			
Membri preżenti għall-votazzjoni finali	Alexander Alvaro, Alfredo Antoniozzi, Mihael Brejc, Michael Cashman, Charlotte Cederschiöld, Carlos Coelho, Fausto Correia, Panayiotis Demetriou, Agustín Díaz de Mera García Consuegra, Kinga Gál, Patrick Gaubert, Lilli Gruber, Timothy Kirkhope, Ewa Klamt, Magda Kósáné Kovács, Wolfgang Kreissl-Dörfler, Barbara Kudrycka, Stavros Lambrinidis, Henrik Lax, Sarah Ludford, Jaime Mayor Oreja, Claude Moraes, Lapo Pistelli, Martine Roure, Ioannis Varvitsiotis, Stefano Zappalà, Tatjana Ždanoka			
Sostitut(i) preżenti għall-votazzjoni finali	Marco Cappato, Bárbara Dührkop Dührkop, Maria da Assunção Esteves, Anne Ferreira, Ignasi Guardans Cambó, Sophia in 't Veld, Hubert Pirker, Antonio Tajani, Kyriacos Triantaphyllides,			
Sostituti(i) (skond l-Artikolu 178(2))	Thomas Wise			

preżenti għall-votazzjoni finali	
Data tat-tressiq	18.9.2006
Kummenti (disponibbli b'lingwa waħda biss)	...